MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 25/2003

Alvin Buttigieg .

vs

Peter Paul Grech .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux ikun ikkundannat, prevja d-dikjarazzjoni li huwa responsabbli tal-inċident stradali hawn taħt imsemmi, inti tiġi kkundannat li tħallas lill-attur dawk id-danni kollha da liquidarsi, li ġew minnu sofferti fil-vettura tiegħu Ford Escort bin-numru ta' reġistrazzjoni CAD 643, f'ħabta li ġrat mal-vettura misjuqa minnek konvenut Volkswagen Polo bin-numru ta' reġistrazzjoni EBH 073, liema inċident seħħ fit-30 ta' Awissu 2003, fi Triq Borg Għarib, Għajnsielem, Għawdex, liema inċident ġara minħabba sewqan traskurat u inavvertenti da parti tiegħek konvenut u bi ksur manifest tar-regolamenti tat-

traffiku meta bqajt ħiereġ minn triq sekondarja għal go triq prinċipali minn fuq STOP sign, u investejt il-vettura tal-attur bil-konsegwenza li ġarrbet ħsarat estensivi li l-valur tat-tiswija tal-ħsara sofferta jeċċedi l-elf u ħames mitt lira maltin (LM1,500) iżda mhux il-kompetenza ta' din il-Qorti .

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Ottubru 2003, u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsab imħarrek .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi :

1. Illi l-konvenut qiegħed jikkontesta din iċ-ċitazzjoni bħala infondati sew fil-fatt u kif ukoll fid-dritt .

2. Illi l-inċident mertu ta' dan l-avviż seħħ unikament tort u ħtija ta' l-attur b'mod partikulari minħabba veloċita' eċċessiva fis-sewqan tiegħu liema veloċita' kienet il-fattur ewlieni li wasslet għal dan l-inċident .

3. Illi għalhekk il-konvenut m'hu tenut li jħallas l-ebda danni lill-attur .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u l-affidavits u dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawża tirrigwarda talba għall-ħlas ta' danni per konsegwenza ta' inċident awtomobilistiku . Il-kolliżjoni bejn il-vetturi rispettivi tal-kontendenti seħħet għall-ħabta tas-2.25 p.m. fit-30 ta' Awissu 2003 fi Triq Borg Għarib, Għajnsielem, Għawdex,[1] fl-inkroċju bejn l-istess triq, it-telgħa li tieħu għan-Nadur fuq in-naħa tat-tramuntana u Triq Sant'Antnin fuq in-naħa tan-nofsinhar . L-attur kien għaddej għad-dritt minn Triq Borg Gharib, bl-intenzjoni li

[1] Ara okkorrenza relattiva a fol. 28 tal-process .

jibqa' sejjer fid-direzzjoni tal-Qala, u l-konvenut kien nieżel min-Nadur, bil-ħsieb li jdur fid-direzzjoni tar-Rabat[2] .

Lis-surġent li nvestiga l-kolliżjoni, l-attur *a tempo vergine* qallu illi :

"*Waqt li kont qed insuq fid-direzzjoni tal-Qala bi speed moderat meta wasalt fil-cross-roads innutajt vettura waqfet 'l barra mill-istop sign fit-triq l-Imgarr li tagħti għan-Nadur . Jiena daqqejt il-ħorn biex nagħmel sinjal lis-sewwieq ta' l-istess vettura biex ma jsuqx 'il quddiem peress li seta' jimblukkali it-triq, u hekk kif kont qed insuq quddiem din il-vettura, f'daqqa waħda din il-vettura instaqgħet 'il quddiem u laqtitni fuq ix-xellug tal-vettura tieghu u bqajt sejjer ġol-ħajt fuq in-naħa tal-lemin . Irrid niġbed l-attenzjoni li l-vettura l-oħra ma waqfitx fuq l-ispot sign, iżda 'l barra mill-istess stop sign*." [3]

Fl-affidavit li ppreżenta fil-kors tas-smiegħ tal-kawża, l-attur fisser l-inċident b'mod aktar dettaljat u qal illi :

" *L-inċident in kwistjoni ġara waqt li jiena kont fi triqti ġej mix-Xewkija fid-direzzjoni għall-Qala . Kont għandni ftit metri 'l bogħod mill-inkroċju meta rajt il-karozza ta' Peter Paul Grech wieqfa ftit 'l isfel mill-istop sign u ċioe' l-istop sign għal min ikun irid joħroġ fi Triq Borg Għarib u jikser lejn id-direzzjoni tax-Xewkija . Kemm jiena kif ukoll hu stajna naraw lil xulxin . Faċċata tiegħu kien hemm ukoll mera li turi minn distanza l-bogħod il-vetturi li jkunu ġejjin mid-direzzjoni tax-Xewkija . Fejn kien wieqaf pero' kien jiġi quddiem il-karreġġjata tiegħi billi hemmhekk hemm żewġ karreġġjati fl-istess direzzjoni tal-Qala, u ċioe' waħda għal min ikun sejjer lejn il-Qala u l-oħra għal min ikun ser jikser għal Triq Sant'Antnin . Jiena kont ser nibqa' sejjer lejn il-Qala . Il-pożizzjoni kif kienet il-vettura tal-konvenut kienet tali li huwa seta' jara min kien ġej minn naħa tax-Xewkija .*

[2] ara skizz esebit a fol. 27 .
[3] okkorrenza a fol. 30 .

*Irriduċejt l-speed f'daqqa iżda billi stajt nibqa' għaddej ma żammejtx il-brejkijiet għal kollox billi id-dritta kienet tiegħi u kien hemm wisa' mnejn stajt nibqa' għaddej billi ksirt ftit għal fuq il-lemin tat-triq u dan billi ma kien ġej ħadd mid-direzzjoni l-opposta . Appena wasalt ma ġemb il-vettura ta' Grech, huwa qala' b'kemm kellu saħħa u baqa' dieħel fil-ġemb ta' quddiem fuq in-naħa tax-xellug u bl-impatt tefgħani mal-ħajt li hemm in-naħa tal-lemin . Mal-impatt il-vettura tiegħu rrimbalzat u l-karozza tiegħi baqgħet titkaxkar mal-ħajt*." [4]

Il-konvenut, li kien nieżel min-Nadur, lis-surġent li nvestiga l-ħabta, *a tempo vergine*, qallu biss illi :

"*Jien rajtu fil-bogħod u ħriġt u l-ieħor daħal ġo fija u ma niftakar xejn aktar*." [5]

Fid-depożizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti spjega illi kien nieżel min-Nadur biex jaqbad it-triq tal-Qala, ħalli jmur lejn ir-Rabat . Miegħu kellu l-mara tiegħu . Waqaf fuq li stop sign, ra karozza ġejja mill-bogħod u kiser lejn ir-Rabat . X'hin kien ġia dawwar għal kollox u qiegħed għad-dritt fuq in-naħa tiegħu tat-triq, jara l-karozza ġejja fuqu u laqtitu fuq quddiem[6].

Il-mara tiegħu, l-unika xhud okulari ta' dan l-inċident, bejn wieħed u ieħor ikkorroborat lill-konvenut[7] .

Mill-iskizz redatt mis-surgent John Attard li nvestiga l-każ,[8] jidher illi :

1. il-karozza ta' l-attur ħalliet sett ta’ żewġ *brakemarks* ta' għoxrin (20) metru; dawn jibdew fit-tarf tal-lemin tal-kareġġjata li mir-Rabat tieħu għal Qala, u jispiċċaw fit-tarf tal-lemin tal-karreġġjata ta' min ikun ġej mill-Qala għar-Rabat ;

---

[4] ara affidavit a fol. 36 .
[5] okkorrenza fol. 30 .
[6] ara xhieda tal-konvenut a fol. 58 – 62 .
[7] ara xhieda tagħha a fol.71 - 81 .
[8] a fol. 27 .

2. fit-tmiem ta' dawn il-*brakemarks* jidhru *scratches,* x'aktarx ikkaġunati mir-rota ta' quddiem tal-karozza ta' l-attur;[9]

3. li *spot of impact* ġie ndikat eżattament quddiem dawn il-*brakemarks*, b'tikka sewda immarkata "*debris*"; aktar 'l fuq jidher ukoll ħafna *debris* ieħor, bejn fejn spiċċaw iż-żewġ karozzi ;

4. 'il fuq mill-i*spot of impact* fid-direzzjoni tal-Qala, tidher ukoll *skid mark* twila ħmistax (15) il-metru, imħollija mill-karozza ta' l-attur ;

5. il-karozza ta' l-attur spiċċat fil-ġemb tal-lemin tat-triq fid-direzzjoni tal-Qala, filwaqt illi dik tal-konvenut tidher 'l barra mill-i*stop sign* għal min ikun sejjer min-Nadur għall-Qala, imma mdawwra lejn in-nofsinhar fid-direzzjoni ta' Triq Sant'Antnin .
Il-ħsarat li ġarrbu l-karozzi rispettivi, ġew deskritti mis-surġent Attard bħala "*extensive*" . Il-karozza tal-konvenut kellha ħsara fuq "*all front of vehicle*", filwaqt illi dik ta' l-attur kellha : "*all front; roof top, left door, rear right mudguard, indicator and bumper*." [10]

L-inċident stradali in kwistjoni seħħ f'salib it-toroq . Insibu fil-**Highway Code** f'dan ir-rigward illi :
" **84. Use extra care at junctions or intersections . Look out for the relevant traffic signs, traffic lights or carriageway markings and abide by them . Stop at STOP signs … Where there are no such signs exercise discretion and prudence .**

**85. Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of following traffic . Signal your intention and, where safe to do so, take up the appropriate position . Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicle before you complete a rignt turn .**

---

[9] ara ritratt Dok. AB 5 a fol. 39 .
[10] ara okkorrenza a fol. 30 u ritratti Dok. AB 5 a fol. 39, u GG 1 u GG 2 a fol. 64, 65

**86. On turning at a junction look right, then left, then right again . Do not go on until you are sure that it is safe to do so ...**

**91. Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road .**

**92. At an intersection or junction of a major road and a minor road, traffic on the latter road should give way to traffic on or coming off the major road."**

M'hemmx dubbju illi fil-każ in eżami l-*major road* kienet Triq Borg Għarib minn fejn kien għaddej l-attur, u għalhekk skond dawn ir-regoli kellu d-dritt jippretendi illi t-traffiku li jkun ħiereġ mit-triq sekondarja għandu jċedilu . Ġie ribadit fid-dottrina illi : "*There is a well recognised rule that traffic entering or crossing a main road must give way to traffic proceeding along the main road from either direction … it is important that the rule should be observed and the right which it confers should not be allowed to be whittled away; drivers who have the rule in their favour are entitled that the rule will be observed by others*." [11] Hekk ukoll ingħad illi : "*When coming from a side road into a main road, the driver or rider on a vehicle should select such a moment as will allow him to enter the main road with safety*." [12]

Ġie enfasiżżat mill-qrati tagħna illi s-*side road user* għandu dritt li jaqsam għal ġo *main road* meta bid-debita prudenza, jkun aċċerta ruħu li din hi libera,[13] u li dan irid jidħol ġo *main road* bla ma jieħu riskji li sewwieq prudenti ma jieħux[14] .

Fil-każ tagħna insibu illi, għalkemm il-konvenut lemaħ il-karozza ta' l-atttur ġejja mid-direzzjoni tar-Rabat, huwa ma baqgħax jistenna fuq li *stop sign,* kif kien id-dmir

---

[11] O.C. Mazengard : Negligence on the Highway (Butterworths Ed. 1962 pg. 326 - 327)
[12] Charlesworth : The Law of Negligence (2nd Ed. pg. 82) .
[13] Appell Kriminali : Pulizija vs Nazzareno Borg : 11.11.1960 .
[14] Appell Kriminali : Pulizija vs Giuseppe galdes; vol.XXXVII p. 1108 .

tiegħu li jagħmel, imma ħaseb li l-attur kien għadu 'l bogħod u ppretenda li kellu ċans jilħaq joħroġ . Imma sfortunatament ikkalkula ħażin, għax minkejja li laħaq ħareħ fuq it-triq prinċipali u anke dawwar fid-direzzjoni tar-Rabat, sab lill-attur ma' wiċċu u dan baqa' dieħel ġo fih . F’tali ċirkostanzi jirriżulta għalhekk illi l-konvenut żgur li kien imprudenti fis-sewqan tiegħu u naqas li josserva r-regoli tat-traffiku dan għaliex, minkejja li s-sinjali tat-traffiku kienu jesiġu li jieqaf fuq li *stop sign* u jesplora sew it-triq qabel ma joħroġ fuq it-triq prinċipali, huwa għazel li jieħu riskju u jaqbad u joħroġ, għalkemm it-triq ma kienitx libera .

Jibqa' biss sabiex jiġi nvestigat jekk l-attur innifsu setgħax ikkontribwixxa b'xi mod għall-istess inċident . Bħala l-*main road user* bir-raġun kien jippretendi illi jkollu d-dritta fit-triq, u nfatti hekk għamel, għax minkejja li ra l-konvenut ħiereġ minn fuq li *stop sign,* paqpaqlu u baqa' għaddej . Huwa minnu illi huwa ġie rinfaċċjat b'*a sudden emergency* bil-manuvra imprudenti tal-konvenut, li qabad u ħareġ f'daqqa għal ġo l-*main road* . Huwa minnu wkoll illi ha *evasive action* fi sforz li jevita li jolqot il-karozza tal-konvenut, u nfatti kien għalhekk illi ġibed għall-lemin tiegħu u daħal fil-kareġġjata tat-traffiku ġej mid-direzzjoni opposta . Ma jistax jiġi nnegat pero' illi l-attur kien għaddej b'ċerta veloċita' li ma ppermettietlux jikkontrolla l-karozza tiegħu sew hekk kif ġie rinfaċċjat b'din l-emergenza . Huwa ħalla għoxrin metru ta' *brakemarks*, li waħedhom ma jfissrux illi kien hemm xi *speed* esaġerat għall-inħawi, li ma kienux *a built up area*. Imma li *skid marks* ta' ħmistax-il metru ieħor, wara li anke seħħet il-kolliżżjoni, l-pożizzjoni tal-karozzi wara l-inċident u l-konsistenza tal-ħsarat fiż-żewġ karozzi, jindikaw impatt qawwi ħafna, b'konsegwenza ta' veloċita' ferm aktar minn dik konsentita, speċjalment fl-inħawi ta' inkroċju xi ftit jew wisq komplikat, bħal ma kien hemm fil-każ in eżami . Kif ġie enfasiżżat mill-qrati tagħna, " … *jekk wieħed ikun għaddej minn main road, għalkemm igawdi right of way, xorta waħda għandu l-obbligu bħal kull sewwieq ieħor li jsuq b'attenzjoni, li jfisser li jagħraf il-waqt u jagħmel mill-aħjar tiegħu sabiex jevita kull inċident posibbli, u b'mod li dejjem għandu jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex ma*

*jkunx ta' perikolu għall-utenti ta' l-istess triq u oħrajn u ma għandux jinsa l-obbligi tiegħu u jabbuża mid-dritta li għandu*." [15] Hekk ukoll ġie ribadit illi : " … *ma jista' jkun lanqas dubitat illi l-fatt li wieħed ikun qed isuq fi triq prinċipali, dan ma jiddispensahx ċertament mill-obbligu pimarju nkombenti fuq kull utent tat-triq li juża d-diliġenza meħtieġa fis-sewqan*." [16] Intqal ukoll illi : "*Main road user m'għandux unikament għax u bħala tali, xi brevett ta' immunita' minn kwalunkwe responsabilita' f'kull infortunju stradali li fih ikun ko-involt side road user*." [17]

Fil-fehma tagħha, din il-veloċita' eċċesiva ta' l-attur kkontribwiet ukoll b'mod sostanzjali għal dan l-inċident . Il-fatt li l-konvenut kien ħareġ għal kollox u dar għal fuq il-karreġġjata ta' min ikun ġej mid-direzzjoni tal-Qala, jindika illi laħħaq għadda ċertu ħin minn x'ħin l-attur lemaħ lill-konvenut l-ewwel darba fuq li *stop sign* . Madankollu, minkejja li raħ, minflok ma naqqas mill-veloċita', għazel li jibqa' għaddej kif kien, għax kellu d-dritta . Imma veloċita' iktar moderata kienet tikkonsentilu jibbrejkja fil-ħin biex jevita l-inċident u jikkontrolla l-karozza aħjar . Ċertament l-impatt ma kienx ikun daqstant qawwi . Għaldaqstant jixraq illi terz mill-ħtija tiġi attribwita lill-attur .

Rigward id-danni kkaġunati fil-karozza ta' l-attur, dan ippreżenta bħala prova lis-*surveyor* Tarcisio Mercieca, li ddeskriviha bħala *total loss* . Huwa spjega illi l-*book value* tagħha dakinhar ta' l-inċident kien ta' elf u erba' mitt lira (Lm1400) . Pero' billi fil-fehma tiegħu, din il-karozza kienet tidher li kienet f'kundizzjoni tajba, żidilha erba' mitt lira (Lm400) oħra ma' dan il-valur . Imbagħad ir-*wreck value* tagħha ġie stabilit fis-somma ta' mija u ħamsin lira maltija (Lm150)[18] . Madankollu l-Qorti taqbel ma' dak li sostna l-konvenut fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, fis-sens illi ma jidher illi hemm ebda raġuni ghaliex għandha tiġi aċċettata din iż-żieda arbitrarja li għamel is-*surveyor* fil-valur tal-karozza ta' l-attur, ġialadarba, l-*book*

---

[15] Prim'Awla : Joseph Bugeja vs Frankie Zammit : 4.4.1984 vol. LXVIII. ii. 446

[16] Appell : Citadel Insurance Plc noe. et vs Paul Scerri : 22.6.2005 .

[17] Appell : Lawrence Montebello vs Vincent Gatt : 19.8.1966 .

[18] ara depożizzjoni tiegħu a fol. 44 - 46 u survey report relattiv Dok. TM 1 a fol. 47

*value* ta' karozza simili, stabilit mill-kumpaniji ta' assikurazzjoni għall-finijiet ta' kumpens f'każijiet simili, kien ġia ġie ffissat . Għalhekk il-valur tal-ħsara kkaġunata fil-karozza ta' l-attur jiġi : Lm1400 - Lm150 = Lm1250. Billi l-attur irid ibati terz minn dawn id-danni jiġi li għandu jieħu : Lm833.33 .

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża, billi :

1. tiddikjara liż-żewġ kontendenti responsabbli mill-inċident stradali deskritt fl-Avviż imma b'mod inugwali, u ċioe' l-attur għal terz (1/3) tal-ħtija u lill-konvenut għal żewġ terzi (2/3) ;

2. tillikwida d-danni kkaġunati fil-karozza ta' l-attur fis-somma ta' elf mitejn u ħamsin lira maltija (Lm1250) u

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur żewġ terzi minn din is-somma u ċioe' tmien mija tlieta u tletin lira maltija u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm833.33) .

L-ispejjeż għandhom l-istess jiġu ssoportati kwantu għal terz (1/3) mill-attur u żewġ terzi (2/3) mill-konvenut .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------